QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Att ta' Akkuża numru 13 / 2018

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA

Vs

KEVIN GRIMA

Illum 30 ta' April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 13 tas-sena 2018 migjuba fil-konfront tal-imsemmi Kevin Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 512874M, fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel u Uniku Kap ippremetta:

Illi fis-27 ta' Awwissu tas-sena Elfejn u Ħdax (2011), il-Pulizija ta' l-Iskwadra kontra d-Droga daħlitilhom informazzjoni li passiġġier ta' Nazzjonalita' Olandiża, ċertu Paul Peter Pietka kien ġej Malta minn Eindhoven, l-Olanda fuq titjira Ryanair bin-numru FR 3476, u li aktarx kien qed iġorr ammont ta' droga fuq il-persuna tiegħu;

Illi sar arranġament bejn is-sezzjoni tad-drogi tal-Pulizija u l-Uffiċjali tad-Dwana stazzjonati ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA) sabiex din il-persuna Olandiża titħalla għaddejja, sabiex l-Pulizija tkun tista' issegwi l-movimenti tal-istess Paul Peter Pietka sabiex tara ma min kien ser eventwalment jiltaqa. Wara irriżulta li dan Paul Peter Pietka ġie imqabbad minn persuna li ġġib l-isem ta' *"Stone"* aktarx ċittadin Olandiż ukoll, sabiex jittrasporta ammont ta' droga minn Eindhoven fl-Olanda għall Malta fl-organi interni tiegħu, filwaqt li malli jasal Malta ingħata struzzjonijiet li kellha tiġi persuna għandu ħalli tieħu l-konsenja tad-droga u ttiħ il-pagament għall tali droga;
Illi numru ta' Uffiċjali tal-Pulizija cioe' PS 1086, PS 1220, PC 857 u WPC 127, filfatt segwew lis-sur Pietka mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sad-destinazzjoni tiegħu f'Tas-Sliema, fejn daħal ġewwa s-*Sliema Chalet Hotel* u pprenota kamra bin-numru 773. Ftit tal-ħin wara huwa ġie arestat mill-Pulizija waqt li kien miexi lejn il-kamra tiegħu. Wara li ingħata d-debita twissija rigward id-drittijiet tiegħu, huwa ġie mistoqsi jekk kienx qed iġorr xi sustanzi illeċiti miegħu. Eventwalment huwa għadda lil-Pulizija borża żgħira bil-kannabis kif ukoll borża b'20 kapsola b'sustanza ta'lewn bajdani li wara rriżultat li kienet kokajina. Kien anke informa lill-Pulizija li ġewwa l-persuna tiegħu kien għad fadal 41 kapsola oħra;

Illi wara li nforma lill-Pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-drogi b'dan kollu huwa stqarr li xtaq ikompli jassissti lill-Pulizija f'din l-investigazzjoni. L-iSpettur Jesmond J. Borġ li kien qed jinvestiga l-każ informa minnufiħ lill-Maġistrat (illum Imħallef) Jacqueline Padovani Grima b'dawn il-fatti, li minn naħa tagħha awtorizzat li ssir '*controlled delivery*' kif ukoll ordnat li ssir inkjesta fejn ġew maħtura diversi esperti. Sadanittant fil-lukanda f'Tas-Sliema fil-kamra bin-numru 773 bejn is-2.00pm u s-2.30pm, fil-preżenza ta' PS 1220 u PC 857, Paul Peter Pietka espella mill-intern tiegħu 22 kapsola filwaqt li fl-4.45pm fil-preżenza ta' PC 760 u PC 364 għadda 10 kapsoli oħra. Minnufiħ ittieħed l-iSptar sabiex jingħata l-kura meħtieġa u waqt li kien fil-preżenza ta' PC 279 u PC 365 Paul Peter Pietka għadda 8 kapsoli għall ħabta tad-9.00pm u kapsola oħra fis-1.45am ta' filgħodu;

Illi għall ħabta tad-9.00am ta' filgħodu l-imsemmi Paul Peter Pietka irċieva telefonata minn barra fejn persuna barranija (ċertu *'Stone'* imsemmi iktar il'fuq) infurmatu illi kien ser jibgħat lil xi ħadd sabiex jiġbor il-kapsoli tad-droga minn għandu u li kellu jirċevi l-ammont ta' €7,000 fi flus kontanti għall dawn il-kapsoli. Filfatt għall ħabta tad-9.30am, l-akkużat Kevin Grima ħabbat il-bieb tal-kamra ta' Paul Peter Pietka u daħal ġewwa filwaqt li għadda is-€7,000 lil Pietka meta dan wrieħ il-pakkett li Grima kien qed jaħseb li kien mimli bil-kapsoli. Kif l-akkużat Kevin Grima kien ser jaqbad il-pakkett ġie immedjatament arrestat f'intervent f'waqtu mill-Pulizija preżenti fuq il-post;

Illi l-akkużat ħallas is-somma ta' €7,000 sabiex jieħu f'idejħ il-konsenja ta' 61 kapsola kontjenenti 585.55 gramma tad-droga kokajina b'purita' medja ta' ċirka 38.5%, u li kienet iġġib il-valur fis-suq ta' ċirka €44,506, liema valur huwa indubbjament konsiderevoli;

Illi l-akkużat għamel dan in segwitu għal ftehim li huwa kellu ma' persuna/i f'Malta jew barra minn Malta fejn kien miftiehem u maqbul il-*'modus operandi'* li biħ kienet se tiddaħħal il-konsenja tad-droga Kokajina ġewwa Malta, inkluż il-mezzi, il-lok minn fejn kellu jiġbor din il-konsenja mingħand Paul Peter Pietka u saħansitra l-ammont ta' flus li kellu jagħddi lill-istess Paul Peter Pietka;
Id-droga kokajina hija sustanza illeċita imsemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi inoltre l-akkużat irrenda ruħu reċediv permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Mejju 2010, *per* Maġistrat (illum Imħallef emeritus) Dr. Lawrence Quintano LL.D, l-akkużat Kevin Grima kien instab ħati ta' diversi delitti, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi bl-aġir tiegħu, l-akkużat irrenda ruħu ħati talli assoċja ruħu ma persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta, sabiex ibiegħ, jew jittraffika, mediċina f'Malta, cioe' kokajina, u dan kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lill-imsemmi Kevin Grima, reċidiv f'delitt, ħati talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tal-Elfejn u Ħdax (2011) u fil-jiem ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Kevin Grima, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 49, 50, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha inkluz dawk tal-kumpilazzjoni.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' April, 2019, fuq mistoqsija tar-registratur, l-akkuzat Kevin Grima ammetta l-akkuza mijguba fil-konfront tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.

Ghaldaqstant, in vista' ta' tali ammissjoni issib lill-akkuzat Kevin Grima, recidiv u hati talli, fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tal-Elfejn u Ħdax (2011) u fil-jiem ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (kokajina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Moses Camilleri u s-Supretendent Jesmond J. Borg ai fini ta' piena u dan kif awtorizzati minn din l-istess Qorti bid-digrieti tat-28 u d-29 ta' Marzu, 2019.

Ikkunsidrat,

Illi fit-3 ta' April, 2019 xehed **Dr. Moses Camilleri** spjega kif jafu u cioe fiċ-ċirkostanzi ta' servizz li joffri l-isptar Generali ta' Għawdex għal nies li għandhom problema ta' użu ta' sustanzi fejn ilu pazjent sa mis-sena 2015. L-ewwel kuntatt kien fid-detox centre Malta, mbagħad ittrasferixxa ruħu Għawdex u beda jarah fl-isptar Generali t'Għawdex dejjem fis-sena 2015. Ikkonferma li progress sar fis-sens illi filwaqt illi ċertu servizzi għal nies bi problemi ta' użu ta' sustanzi fil-ġzira ta' Għawdex huma limitati, pero' koperazzjoni minn naħa tas-sur Grima kien hemm. Jghid li per ezempjui kkopera ma' suġġerimenti li kien jaghtih fosthom illi jżid id-doża tal-methadone sabiex jindirizza l-problema prinċipali li ppreżenta ruħu biha, li hija l-problema tad-droga erojina. Filfatt kien lest illi jgħolli anke d-

doża b'mod sostanzjali, doża li s-soltu ħafna pazjenti jirrifjutawha għaliex jibżgħu minnha, imma hu xtaqt illi jaffaċċja dan iċ-challenge ta' doża ta' methadone li naturalment tista' ġġib magħha xi side effects bl-iskop illi jieħu lilha minflok id-droga erojina. Dan sar proċess bil-mod għax ma tistax taqbad u tgħolli d-doża f'daqqa waħda, imma dawn l-aħħar xhur tista' tgħid illi kien hemm sinjali ta' riżultati tajbin. Dan jista' igħidu għaliex anke kien hemm okkażżjonijiet meta kien kapaċi li kampjuni tal-pipi li kien jitolbu kienu jkunu clean.

Ikkonferma li l-ahhar test gie mehud fi Frar u kien nadif fis-sens li ma kien hemm l-ebda traccja ta' droga registrat. Kien hemm oħrajn fis-sena 2018, pero' kien hemm oħrajn li kienu juru preżenza, irid li l-proċess isir bil-mod. Pero' filwaqt illi fil-bidu it-testijiet tal-awrina li kien jiehu tieghu kienu jghati rizultat posittiv ghall-prsenza ta droga , dawn l-aħħar xhur kien hemm kampjuni li kienu jghatu rizultat negativ ghal tali presenza. Ħaġa oħra li ġrat dawn l-aħħar ġimgħat kienet illi talbu li jagħmel użu minn servizz ta' *in patient care* u fil-fatt qatta' magħhom għaxar t'ijiem u fil-fatt kellu jinżel hawn Malta fejn kien residenti għal għaxar t'ijiem f'Dar Impenn li huwa servizz residenzjali , gewwa fil-kumpless Santa Marija Ħal Farruġ u għamel dak li kien jixtieq illi f'ambjent pjuttost safe inaqqas d-doża tal-methadone. Irnexxielu jinżel mid-doża ta' 70 għal 40 .

Ikkonferma li fil-prezent bid-doża ta' 40 methadone qieghed .Ikkonferma li rieda tajba l-akkuzat ghandu. SPjega li fil-passat qabel ma l-akkuzat qabad da nil-vizju mishut ta abbz ta droga dan kien imexxi l-post mgharuf bl-isem Village Gossip

Is-Sur Grima dejjem mar għal xi problemi oħra ta' saħħa li nqalawlu, jiġifieri jista' igħid illi koperazzjoni u rieda hemm hemm qegħdin.

Mistoqsi jekk l-akkuzat ghandux xi problema ohra apparti it-tehid tad-droga Eroina jghid li fl-esamijiet li saru fuq kampjuni ohra tal-awrina tieghu instabet il-presenza ta' sustanzi illeciti ohra, fosthom Kokajina u ħaxixa.

Ikkonferma li l-akkuzat ghamle kuntatt ma l Isptar Generali ta Ghawdex minhabba din il-problema ta abbuza fis-sena 2015 pero l-problema ta' sustanzi jmur lura għal numru ta' snin. Jghid li dak li laqtu hu li l-użu ta' sustanza erojina fil-każ tas-Sur Grima hija xi ħaġa li bdiet pjuttost tard li mhux il-pattern tas-soltu, pero' jekk wieħed iħares lejn kif żvolġew l-affarjiet minn eta' relattivament żgħira beda jużu mis-sustanzi tipo tal-ħaxixa mbagħad iltaqa' mas-sustanzi tal-kokajina jiġifieri kien hemm proċess fuq numru ta' snin, ghalkemm jghid li ma jafx igħid eżattament minn liema sena imma żgur illi mifrux fuq numru ta' snin.

Illi fit-3 ta' April, 2019 xehed is-**Supretendent Jesmond J. Borg** u spjega li kien kemm l- uffiċjal prosekutur kif ukoll l-uffiċjal investigattiv fil-kaz ta l-akkuzat u kkonferma li da nil-kaz hu marbut ma kaz iehor ta': Paul Peter Piedca.Spjega li l-kaz ta' Paul Peter Piedca illum huwa res judicata u l-akkuzat Piedka ġie s-sentensjat u sa fejn jaf hu skonta l-piena wkoll.

Spjega li l-kaz ta Piedka kien beda meta kellhom informazzjoni li kellu jidħol b'xi droga Paul Peter Piedca minn barra mill-Olanda. Din l-informazzjoni gie investigate minna u r-rizultat kien qiehed fil-pożittiv . Fis-sens li dan Piedka kien telaq mill-Olanda u wasal Malta b'titjira diretta mill-Olanda. Appena niżel mill-ajruplan kien issorveljat kemm mill-uffiċjali tad-dwana u kif ukoll mill-pulizija ta' kontra d-droga. Għadda mill- xrays ħallewh għaddej u baqgħu isegwuh il-pulizija tad-drogi u daħal ġol lukanda u immedjatament kif daħal fil-lukanda kien irrejdjat. Il-lukanda kienet -Sliema Chalet Hotel li hemm quddiem ic- Chalet tas-Sliema.

Huwa minnu li lil PIedka ma waqfuhx l-ajruport , hallewh ghaddej u jagħmel check in ġol lukanda.Daħal fil-kamra fejn kien irreġistrat fil-lukanda u hemm hekk marru n-nies tiegħi. Qal li huwa ma kien assista n-nies tieghu ghaliex dak il-

ħin fil-lukanda ma kienx , kien xogħol id-Depot . Spejga li n-nies tieghu baqghu fil-kamra ma PIedha sakemm pporga kapsuli ohra

Spjega li meta Piedka kien gejj mill-ajruplan kien diġa' pporga ammont ta' kapsuli, bl-amment ma jafx l-ammont ghalkemm kien hemm xi għoxrin xi ħaġa hekk. Eventwalment imbagħad għadda bil-bagalja b'kollox bil-kapsuli li kien ipporga pero' meta kellmuh il-pulizija ġol lukanda kien ammetta li għandu l-kapsuli ġo fih ukoll. Pulizija baqgħu miegħu baqa' jippurgahom u wara li pporga ammont ieħor ta' kapsuli ħaduh l-isptar u waqt li kien l-isptar ipporga xi kapsuli wkoll u ġie ddikjarat wara l-xrays li ħadulu li ma kellux aktar kapsuli x'jagħmel.

Allura f'dan l-istadju kien ġie mitlub jekk iridtx ikompli jassisti lill-pulizija *b'control delivery*, fehmulu s-sitwazzjoni li jekk ħa jkompli jgħin lill-pulizija ħa jibbenefika mis-section 29, hu ddeċieda li jkompli jikkopera mall-pulizija u reġa' ttieħed il-lukanda biex eventwalment tkompli l-*control delivery* bl-approvazzjoni tal-Maġistrat.

Waqt li kien fil-lukanda baqa' man-nies tiegħu .

Mistoqsi jekk kienx jaf li kien sejjer Kevin Grima jghid mill-memorja li Piedja kompla jghamel telefonati ma' xi nies barra minn Malta, u inghata informazzjoni minn barra li kien ġej persuna minn Malta biex tiġbor id-droga, eventwalment sar il-ftehim bejniethom ta' kif għandha tinġabar id-droga u bdew jistennew. Paul Peter Piedca ma kienx jaf min hu Kevin Grima, izd akien jaf li ġej xi ħadd jiġbor id-droga.

Qal li wara wasal dan ix xi ħadd li nzerta kien Kevin Grima l-akkużat. Kif dan ix-xi ħadd ħabbat mall-bieb biex jidħol ħa jiltaqa' ma' Piedca biex issir il-konsenja, hemm hekk Kevin Grima ġie arrestat appena inghata il-konseja li naturalemtn ma

kientix id-droga. Ovvjament kienu bidlu l-kontenut minħabba l-inkjesta , proprju minħabba l-*control delivery*. Ftakar li kif Kevin Grima ingħata l-pakkett u ħa jdur biex joħroġ minn hemm hekk ġie arrestat dak il-ħin.

Mistoqsi ukoll in kontro esami jikkonferma li Kevin Grima mar jkellmu fuq xi affarjiet oħra jghid li fuq da nil-kaz , tkellmu fid-dettal fuq li ġara għal min kienet sejra d-droga u kollox. Li rriżultalu mill-investigazzjoni tiegħu hu li d-droga ma kienetx għalih imma kienet għal terza persuna u hu kien just imqabbad minn din it-terza persuna biex imur il-lukanda jiġbor id-droga mbagħad jibqa' sejjer u jgħaddi din id-droga lil din it-terza persuna.

Li jiftakar hu dak li qallu Grima stess li dak li ghamel ghamlu sempliċiment għall-familja, d-droga ma kientix tiegħi kull ma' kien ser jitħallas kien l-ammont ta' €500 biex jikkonsenja l-pakkett li kien qallu ma nafx x'fih. Just minn qabbdu qallu "mur iġborli pakkett mill-lukanda u ejja ġibuli, ma nafx jekk hux tas-Sliema jew le pero' naf li hekk kienu l-affarjiet". Sussegwentement ipprova jassisti lill-Kevin biex igħinu bis-section 29 billi jidentifikalu din il-persunapero Kevin beda jibża..

Kien jibża minn din il-persuna u aktar milli għalih għax qalli lili jista' jagħmillu li jrid, kien qed jibża li jghamel xi haga lill-familtu. Kevin anzi baqa' jinsistili li jippreferi li jeħel anke għomru l-ħabs biex il-familja ma' jiġrilha xejn pero' żgur li lil dik il-persuna partikolari ma kienx ser issemmiha .

Ikkonferma li wara li l-akkuzat kien inghata il-liberta provisorja kien avvicinah u qallu li kien lest li jagħtih informazzjoni ulterjuri fuq tezi persuni. Eventwalment ma jistgħax igħid li kien informer tiegħu imma tah biċtejn xogħol tajba ħafna li wassluh anke għall-arrest tal-persuna li tagħha tah i l-informazzjoni, l-istess persuna tressqet il-Qorti u anke instab hati u gie ikundannat ħabs. Jiġifieri fuq każijiet differenti assistih u kien hemm mumenti wkoll biex ikun qed igħid kollox li Kevin qallu " *isma' jiddispjaċini qed inħossni mhedded lanqas hawn Malta ma nista'*

*noqgħod ħa jkolli nitlaq lejn Għawdex għax kien qed jibża mill-persuni li kienu qed jhedduh".* Fil-fatt mar jgħix Għawdex. Mistoqsi jekk hux minnu li Piedca qatt ma' kien qalilhomminn kien tah id-droga barra minn Malta ighid li Piedca kien qalilhom li kien iltaqa' ma' persuna jekk mhux sejjer żball ma' persuna Stone ... u kien qalilhom kif iltaqa' mieghu. Eventwalment tahom wkoll in-numri tal-mowbajls li minnu kienu qed iċemplu. Huma għaddew din l-informazzjoni kollha lill-Europol biex jgħadduha l-Olanda u l-investigazzjoni tagħhom fuq dan Stone eventwalment waqfet hemm hekk. Jghid li huma applikaw l-artikolu 29 minhabba li pparticeipa fil-control delivery.

Mistoqsi jekk qabel ma l-Qorti ghaddiet għal conviction ta' Piedca ghamilx kuntatt mall-awtoritajiet Olandiżi direttament mal-Europol jew jekk indagax biex jara kemm l-informazzjoni li tah kemm kienet reliable jew lejghid li ma ghamel xejn minn dan. Huwa qabad u ghadda l-informazzjoni li inghata u waqaf hemm .

Qal li huwa pica dahal l-isptar u ghamel tlett snin barra l-korp u bħala prosecuting officer kien daħal l-Ispettur Malcolm Bondin. Qal li huma ma jikkonfermawx mall-awtoritajiet ta' barra jekk eventwalment waslux jew leabeix pesuna tressqitx il-Qorti pero' il-verita' hi li Piedka bbenifika mill-artikolu 29 minhabba l-fatt li Paul Peter Piedca kien tahom l-informazzjoni min fejn ġiet id-droga u waslu sa l-akkuzat Kevin pero' jekk inqabadx jew le l-Olandiż ma għandu informazzjoni ta' xejn.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi gialadarba l-akkuzat irregistra ammissjoni, din il-Qorti sejra tghaddi biex

tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta fuq il-hati Kevin Grima.

F'dan ir-rigward, taghmel referenza ghar-rizultanzi tal-Ispizjar Mario Mifsud dwar il-wiehed u sittin (61) speci ta' kapsoli ta' lewn abjad. Fost rizultanzi ohra, fir-rapport tieghu a fol 97 u senjatament a fol 103 ikkonstata li '*fis-sustanzi bojod li kien hemm fil-wiehed u sittin (61) speci ta' kapsoli ta' lewn abjad, li kienu fid-dokumenti 250/11/02 sa 250/11/06 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 585.55 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokajina. Il-purita medja tas-sustanza bajda, li kien hemm fis-speci ta' kapsoli, ghas-sustanza Kokajina kienet ta' cirka 38.5%...*' Fl-istess rapport tnizzel li '*l-prezz totali bl-imnut tal-Cannabis grass u tal-Kokajina, li nstabet fis-sustanza bajda li kien hemm fis-speci ta' kapsoli, fid-dokumenti 250/11/01 sa 250/11/06 rispettivament, skont l-ahhar rapport ippublikat, ir-rapport "2007 National report to the EMCDDA" kien ta' cirka € 44,506.*' Ghalhekk l-ammont totali kkwantikat mill-Ispizjar Mario Mifsud ossia ta' €44,506 jinkludi mhux biss il-kokaina li dwarha huwa akkuzat u cioe' bl-assocjazzjoni ghall-bejgh jew traffikar tad-droga kokajina izda anke l-cannabis li bih skont ma jirrizulta mill-kap tal-att tal-akkuza Kevin Grima mhuwiex akkuzat. Filfatt ghalkemm l-akkuzi mahruga fl-atti tal-kumpilazzjoni kienu jinkludu akkuza rigwardanti l-pussess tal-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, ma tressaq l-ebda kap tal-att ta' akkuza dwar il-Cannabis. Ghalhekk l-ammont ta' €44,506 huwa ftit aktar mill-valutazzjoni tal-kokaina wahedha stante li jinkludi ukoll l-ammont ta' 0.36 grammi ta' cannabis. Minkejja dan, jirrizulta li l-valur tal-kokaina li Kevin Grima kien mar jigbor minghand Paul Peter Pietka huwa wiehed sinifikanti, irrispettivament tal-fatt li mar b'sebat'elef ewro (€7,000) biex ihallas ghal kapsoli tal-kokaina.

Illi d-difiza fit-trattazzjoni taghha ghamlet referenza ghal piena moghtija lil Paul Peter Pietka li kienet il-persuna li dahlet id-droga f'Malta u li permezz tal-*controlled delivery* inqabad l-akkuzat li mar b'sebat'elef ewro (€7,000) biex jigbor id-droga. F'dak il-kaz, id-difiza u l-Avukat Generali kienu qablu li ghandu jigi applikat l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-difiza fil-kaz odjern

jikkontendi li dak l-artikolu ma kellux japplika stante li ma jirrizultax jekk il-persuna li baghtet lil Pietka Malta bid-droga inqabditx u tressqitx il-Qorti. Dak li jirrizulta huwa li Pietka kien fi stadju bikri ghadda l-informazzjoni ta' kif dahhal id-droga hawn Malta, li certu Stone baghtu hawn Malta, provda numri telefonici ta' din il-persuna u assista lil Pulizija sabiex setghet issir il-*controlled delivery,* rizultat ta' liema inqabad l-akkuzat Kevin Grima. Paul Peter Pietka skont ma jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Paul Peter Pietka'**[1] kien ikkundannat ghal hames snin u sitt xhur prigunerija flimkien ma' multa ta' hmistax il-elf Ewro (€15,000) kif ukoll ghall-hlas ta' elf, hames mija tlieta u tletin ewro u disa' centezmi (€1,533.09) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi fil-process. Dik il-Qorti kienet ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Fil-kaz odjern, id-difiza fit-trattazzjoni taghha ssottomettiet li l-piena li din il-Qorti ghandha tordna ghandha tkun anqas minn dak ordnat fil-kaz ta' Paul Peter Pietka gialadarba l-involviment ta' Pietka fit-traffikar tad-droga kienet hafna akbar, tant li dahhal id-droga mill-Olanda ghal Malta u kellu jghaddiha lil persuna hawn Malta.

L-Avukat Generali fil-kap tal-att tal-akkuza talab li l-akkuzat Kevin Grima jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull fljesses jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja.

---

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 ta' Mejju, 2013 (Numru 2/2013)

Fit-trattazzjoni orali dwar il-piena quddiem din il-Qorti, l-Avukat Generali ma insistiex li l-piena ghandha tkun dik ta' ghomor il-habs pero talab li tkun iktar minn dik moghtija lil Pietka..

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalkemm jipprovdi ghal piena ta' prigunerija ghall-ghomor, l-istess artikolu jipprovdi ukoll li izda:

'*(aa) meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantità tal-mediċina u x-xorta u l-kwantità tat-tagħmir jew materjali, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa; jew*

*(bb) meta l-verdett tal-ġuri ma jkunx unanimu, f'każijiet bħal dawn il-qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67);*'

Ghalhekk il-ligi taghti lil Qrati diskrezzjoni sabiex jiddeciedu fil-parametri tal-ligi x'ghandha tkun il-piena tenut kont ta' numru ta' aspetti inkluzi cirkostanzi tal-kaz, minflokk ma tinghata prigunerija ghal ghomor. Id-difiza talbet ukoll li din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tiehu in konjizzjoni l-fatt li l-akkuzat ghandu vizzju ta' abbuz ta' droga, li l-gwadan li l-akkuza kien ser jircievi sabiex jigbor id-droga kien biss ta' hames mitt ewro (€500), li ghen lil pulizija b'informazzjoni ohra u l-ammissjoni tieghu. In oltre, jirrizulta li l-kaz ilu pendenti ghal fuq minn tmien (8) snin minn meta tressaq bl-arrest.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali issottometta li l-ammissjoni tal-akkuzat trid tittiehed fid-dawl li inqabad *in flagrante*, li l-akkuzat ghalkemm mhuwiex '*a first time offender* il-fedina penali mhijiex rifrettarja xorta, il-partecipazzjoni tal-hati u li s-sentenza ghandha sservi bhala deterrent u tibghat messagg lis-socjeta' dwar x'inhuma l-konsegwenzi meta persuna tassocja ma persuna Malta jew barra minn Malta bl-intiza li jitraffika jew ibiegh id-droga hawn Malta. Id-difiza ma taqbilx li s-sentenza ghandha sservi bhala deterrent stante li tissottometti li l-akkuzat huwa l-vittma u li llum il-gurnata l-legislatur ikkrea d'Drug Court ghal certu kazijiet. L-Avukat Generali ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial**'[2] fejn gie kkunsidrat:

'*Kwantu ghall-kwistjoni tad-deterrent, l- ewwel Qorti kienet perfettament intitolata li, fil-ghoti tal- piena, izzomm f'mohha l-effett ta' deterrent generali tal- piena, meta qalet hekk:*

*"Qieset ukoll dak li sottomettiet il-prosekuzzjoni li f'kull kaz irid jinghata messagg li jkun ta' deterrent ghal nies ohra li jassocjaw ruhhom biex jimportaw f'Malta drogi w sustanzi perikoluzi ghad-detriment tas-socjeta` Maltija."*

*Din il-Qorti mhux biss tikkondividi pjenament dan il-hsieb ta' l-ewwel Qorti, izda anzi zzid li fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluza importazzjoni) l-element tad-deterrent generali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha zzomm f'mohha fil-ghoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeci partikolari tal-kaz u l- piena erogata...*'

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza fejn il-Qrati hadu in kunsiderazzjoni numru ta' kunsiderazzjonijiet meta gew biex jordnaw il-piena f'kazijiet meta giet registrata ammissjoni. L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar, 2004 (Numru 3/2003)

ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**The Republic of Malta v. Rita Bugeja**'[3] fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra, il-Qorti kienet ikkunsidrat li:

'**9.** *The principles which have been considered to guide these Courts when there is a guilty plea have been described by the Criminal Court in its preliminary judgement* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi*** *decided on the 24th February 1997 and the judgement of the Court of Criminal Appeal (inferior jurisdiction) in its judgement* ***Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa*** *decided on the 17th July 2002. In the latter case reference was made to an excerpt from Blackstone's Criminal Practice, 2001, para. E1.18, p.1789[4]:*

> *""**Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In Buffery (1992) 14 Cr App R (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (Hoult (1990) 12 Cr App R (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr App R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood[1997] 1 Cr App R (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1999] 2 Cr App R (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10 Cr App R (S) 216; Landy (1995) 16 Cr App R (S) 908)). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an**

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Ottubru, 2014 (Bill of Indictment number: 34/2007)

[4] Today in the United Kingdom, guidelines have been issued by the Sentencing Guidelines Council (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

***attempt to secure a tactical advantage (Hollington (1985) 82 Cr App R (S) 281; Okee [1998] 2 Cr App R (S) 199)). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an enquiry into the facts (Williams (1990) 12 Cr App R (S) 415). The leading case in this area is Costen (1989) 11 Cr App R (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in Costen that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts." (Blackstone's Criminal Practice, 2001, para. E1.18, p.1789).***

**10.** *In the present case, one could talk of a "tactical plea" as much as it could be stated that appellant was caught "red-handed" with the ecstasy pills in her possession. Consequently this Court does not see how appellant could expect a discount for an early guilty plea. The first Court could only take into consideration the fact that she pleaded guilty before the impanelling of the jury thereby saving time and costs.*'

Minn naha l-ohra, d-difiza ma taqbilx li l-fatti speci ta' dak il-kaz huma identici ghal kaz odjern.

Id-difiza tissottometti li ma kellux japplika l-artikolu 29 tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kaz ta' Paul Peter Pietka u dan stante li ma jirrizultax jekk inqabditx il-persuna li baghtet lil Pietka bid-droga u jekk dan tressaqx. Il-fatt li Pietka ghen sabiex saret il-*controlled delivery* li waslet li nqabad l-akkuzat odjern Kevin Grima

ma jfissirx li kien japplika l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra li:

*'Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs.'*

Dwar dan l-artikolu, fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. Alberto Alessandro Bafumi ... omissis ...'**[5] gie kkunsidrat li:

*'Huwa ovvju li hawnhekk il-liġi qed tipprospetta żewġ possibilitajiet: l-ewwel waħda meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-proċess illi dik il-persuna li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tkun għenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, u t-tieni każ, fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba ħatja, tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-pulizija. F'każ il-wieħed jew l-ieħor, l-artikolu 29 jipprovdi għat-tnaqqis tal-piena billi fir-rigward ta' priġunerija din titnaqqas bi grad wieħed jew tnejn, u fir-rigward ta' piena pekunjarja b'terz jew b'nofs.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Republic of Malta v. Kamil Kurucu'**[6] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

*'As already indicated, a reduction in punishment in terms of section 29 is only possible if the supplier is actually apprehended by the Police and not if the supplier could or may be apprehended. Therefore, irrespectively of what the Police could or should have done during their investigations, in the present case, where no supplier was apprehended, section 29 cannot be invoked by appellant. In other words, this Court is in complete agreement with the interpretation given by the first Court and consequently appellant's first grievance is*

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2014 (Att ta' Akkuza Numru: 22/2008)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Gunju, 2007 (Numru: 18/2006)

*dismissed.'*

Skont ma jirrizulta fis-sentenza **'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Paul Peter Pietka'**[7], ghalkemm fil-parti disposittiva ta' dik is-sentenza ma ssirx referenza ghall-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-partijiet f'dik il-kawza skont ma jirrizulta mis-sentenza kienu permezz ta' rikors konguntiv iddikjaraw li ghandu japplika l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti skont dak li jirrizulta mill-atti processwali tal-hati Kevin Grima ma taqbilx li l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta setgha japplika fil-konfront ta' Paul Peter Pietka u lanqas fil-konfront ta' Kevin Grima gialadarba ma jirrizultax jekk inqabadx il-persuna li baghtet lil Paul Peter Pietka bid-droga lejn Malta. Il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk minkejja dan, il-piena li ghandha tinghata lil hati Kevin Grima ghandhiex tkun anqas minn dik li nghatat lil Paul Peter Pietka.

Fil-kaz odjern, kif ikkunsidrat ma japplikax l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta stante li minn imkien ma jirrizulta li l-akkuzat kixef lil minn kien ser jghaddi d-droga u ghalhekk min bghatu biex jigbor id-droga u ma provdix informazzjoni rigwardanti d-droga in kwistjoni u dan stante li skont dak li xehed is-Supretendent Jesmond Borg quddiem din il-Qorti, l-hati Kevin Grima kien beza jikxef. Izda is-Supretendent Jesmond Borg xehed ukoll li l-akkuzat Kevin Grima kien provda informazzjoni dwar terzi persuni u li b'din l-informazzjoni li kien provda l-hati Kevin Grima, kien wassal ghall-arrest u persuna kienet giet ikkundannata ghal prigunerija. Ghalhekk ghalkemm f'dan il-kaz ma japplikax l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba s-Supretendent ikkonferma li l-hati Kevin Grima kien ghen lil Pulizija, dan ghandu jigi rifless fil-piena li ser tigi inflitta.

Fit-trattazzjoni orali saret referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'The Republic**

[7] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 ta' Mejju, 2013 (Numru 2/2013)

**of Malta v. Tony Johnson'**[8] fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet dwar il-piena intqal:

**'32.** *English Courts have dealt with similar situations and created a number of guidelines which have been concurred with by our Courts.*[9] *In Blackstone's Criminal Practice, 2008 (para. D25.45 a fol. 1971) we read:*

> ***"There has been some inconsistency in the approach taken by the Court of Appeal to the question of the circumstances in which a difference in sentence between co-accused can form a ground of appeal against sentence. In Stroud (1977) 65 Cr App R 150, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal. Instead, the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. Decisions in the same vein include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes (1980) 74 Cr App R 161.***
>
> ***"By contrast, in Fawcett (1983) 5 Cr App R (S) 158, the Court of Appeal held that where an offender had received a sentence which in and of itself was not objectionable but, for no apparent good reason, was more severe than that of his co-accused, the court could intervene if the disparity was serious. Lawton LJ said that the question to be asked is:***
>
> ***"'would right-thinking members of the public, with full knowledge of all the relevant facts and circumstances, learning of this sentence***

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Ottubru 2014 (Numru: 58/2010)

[9] See, viz., Criminal Appeal **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Godfrey Bartolo**, 14 ta' Novembru 2002. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata hamsa (5) fis-sentenza citata)

***consider that something had gone wrong with the administration of justice?'***

***"(See also Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381 and Sigston [2004] EWCA Crim 1595.)***

***"In more recent cases the Court of Appeal have followed the approach in Fawcett (but see Tate (2006) 150 SJ 1192, for a recent example of a case following the line of reasoning in Stroud).***

***"The fact that offenders who are sentenced at roughly the same time as an appellant in the same Crown Court have received more lenient sentences for comparable offences can never be relied on as a ground of appeal. The court will not allow such comparisons to be made (Large (1981) 3 Cr App R (S) 80)."'***

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis Brian Godfrey Bartolo u Omissis**'[10], fost kunsiderazzjonijiet ohra, l-Qorti kkunsidrat li:

'*Dato non concesso li r-reita` ta l-appellant u ta' Aldo Saliba kienet almenu simili jekk mhux identika, din il-Qorti tista` tapprezza li l-appellant hass "a sense of grievance" bid-disparita` fis-sentenza. Dak li trid tezamina din il-Qorti, pero`, huwa jekk il-piena moghtija lill-appellant kenitx wahda severa wisq fic-cirkostanzi jew jekk dik kontra Aldo Saliba tistax titqies bhala miti wisq. Dak li certament mhuwiex accettabbli ghal din il-Qorti hu li biex tirriduci sentenza wahda tohloq sitwazzjoni fejn ikun hemm "two, rather than one, over-lenient penalties".*'

Fl-istess sentenza l-appell ta' Brian Godfrey Bartolo kien gie michud, fejn il-Qorti kienet anke kkunsidrat li:

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Novembru, 2002 (Att ta' Akkuza Numru: 11/2000)

*'F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thossha daqsxejn perplessa mhux bil-piena li giet inflitta fuq l-appellant izda b'dik li giet inflitta fuq Aldo Saliba li hija tqis bhala miti wisq. Dan meta jigi kkunsidrat li l-piena massima li setghet tigi inflitta kienet dik ta' prigunerija ghall-ghomor u f'kaz ta' tnaqqis minhabba cirkostanzi msemmijin fl-ewwel proviso ta' l-artikolu 22 (2)(a) tal-Kap 101 ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf liri Maltin u mhux izjed minn hamsin elf liri Maltin. L-ammissjoni ta' l- akkuzat fi stadju bikri tal-proceduri mhijiex inkluza specifikatament bhala wahda mic-cirkostanzi ndikati ghal tnaqqis fil-piena, izda tali cirkostanza giet accettata mill- Qrati taghna bhala cirkostanza li tista' twassal ghal tnaqqis fil-piena. F'dan il-kuntest issir referenza ghal-linji ta' gwida enuncjati mill-qrati Inglizi ghall-fini ta' riduzzjoni o meno tal-piena f'kaz ta' ammissjoni:*

*" the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In Buffery (1992) 14 Cr App R (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (Hoult (1990) 12 Cr App R (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr App R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co- accused (Wood[1997] 1 Cr App R (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1999] 2 Cr App R (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10 Cr App R (S) 216; Landy (1995) 16 Cr App R (S) 908)). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington (1985) 82 Cr App R (S) 281; Okee [1998] 2 Cr App R (S) 199)). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an enquiry into the facts (Williams (1990) 12 Cr App R (S) 415). The leading case in this area is Costen (1989) 11 Cr App R (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might*

*be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in Costen that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts." (Blackstone's Criminal Practice, 2001, para. E1.18, p.1789).*

*Il-Qorti taqbel ma' dawn il-linji ta' gwida u zzid tghid li mhuwiex possibbi li jigu elenkati l-kazijiet kollha fejn riduzzjoni ta' piena tkun jew ma tkunx indikata peress li kull kaz ghandu l-fattispecie tieghu. Fil-kaz in ezami, in vista tac-cirkostanzi msemmija, tal-fatt li f'reati bhal dawk in kwistjoni fejn tinhtieg tinghata protezzjoni lis-socjeta`, fejn l-appellant u dawk li kienu ko-akkuzati mieghu nqabdu "red-handed", u fejn il-piena massima li setghet tigi inflitta kienet dik ta' prigunerija ghall-ghomor, tirribadixxi li dik inflitta fl-ewwel sentenza, cioe` fuq Saliba, kienet effettivament miti wisq.'*

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-kaz odjern imur lura ghat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) u ghalkemm fil-kumpilazzjoni, l-akkuzat wiegeb li mhux hati, huwa ma ressaqx eccezzjonijiet preliminari quddiem din il-Qorti u skont ma jirrizulta minn nota tal-akkuzat datata s-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) huwa kien sa dakinhar bil-hsieb li jikkontesta l-mertu tant li ghalkemm iddikjara li ma ghandu ebda eccezzjoni preliminari xi jressaq f'dak l-istadju, iddikjara ukoll li '*l-proceduri sucitati huma kkontestati in kwantu jikkoncerna il-mertu;*'. Wara dan, kien hemm numru ta' differimenti sabiex il-partijiet jaslu ghal patteggament filwaqt li fil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-Qorti giet infurmata li l-patteggjament ma sehhx pero l-akkuzat informa lil Qorti li bi hsiebu jirregistra ammissjoni. Kien fis-seduta tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) li l-akkuzat kien irregistra l-ammissjoni tieghu. Ghalhekk ghalkemm l-ammissjoni ma tistax tigi kkunsidrata bhala wahda bikrija, din il-Qorti xorta trid tikkunsidra li l-ammissjoni giet registrati qabel ma gie ffurmat il-

guri.

In oltre, jirrizulta ukoll li l-akkuzat ghandu l-vizzju tad-droga kif anke kkonfermat minn Dr Moses Camilleri li xehed li ukoll f'certu istanzi t-testijiet tal-urina tal-akkuzat ma urewx li kien qieghed jabbuza mid-droga u drabi ohra urew li kien ikkonsma d-droga. Ikkonferma ukoll li ra titjieb u rieda tajba fl-akkuzat.

Dwar li d-difiza tissottometti li l-gwadan kien biss ta' hames mitt ewro (€500), din il-Qorti tikkunsidra li din tirrizulta mill-istqarrija tal-akkuzat li ma jidhirx li l-volontarjeta jew l-ammissibilita' taghha giet ikkontestata nonostante z-zmien ta' meta ttiehdet u minn dak li xehed is-Supretendent Jesmond Borg quddiem din il-Qorti, izda din il-Qorti lanqas ma tista' ssib li l-allegazzjoni li l-akkuzat kien ser jithallas hames mitt ewro (€500) biss sabiex jigbor id-droga giet pruvata sal-grad tal-probabli mid-difiza. Ghalhekk din il-Qorti sejra tiskarta din il-kunsiderazzjoni.

Jirrizulta li l-fedina penali tal-akkuzat ma hijiex wahda netta tant li fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) huwa gie misjub hati li fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u l-gimghat ta' qabel din id-data, huwa kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u li sar recediv.

Fil-kap tal-att tal-akkuza, l-Avukat Generali issottometta ukoll li '*l-akkużat irrenda ruħu reċediv permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Mejju 2010, per Maġistrat (illum Imħallef emeritus) Dr. Lawrence Quintano LL.D, l-akkużat* ***Kevin Grima*** *instab ħati ta' diversi delitti, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.*' Ghalhekk jirrizulta li r-reat li l-hati ammetta li kkommetta sehh ftit xhur wara l-ghoti tas-sentenza tas-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li hija esebita a fol 91 u 92 bhala JJB2 u a fol 144 u 145 u mmarkata bhala Dok JJB.

Din il-Qorti temfasizza li kull kaz ghandu l-fatti speci partikolari tieghu u ma taqbilx li l-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena ghandhom ikunu statici, fis-sens li ma taqbilx li l-piena tiddependi biss fuq l-ammont ta' droga, il-purita' u l-valur

taghha. Din il-Qorti temfasizza li ma jfissirx li jekk Paul Peter Pietka inghata sentenza b'piena miti, l-hati Kevin Grima ghandu wkoll jinghata piena miti. **Il-piena li ghandha tigi imposta trid tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz[11].** Din il-Qorti izda ma tistax ma tqis x'kien l-involviment u l-partecipazzjoni ta' Kevin Grima fejn skont ma jirrizulta mill-atti processwali kien anqas mill-partecipazzjoni u l-involiment ta' Paul Peter Pietka fejn Paul Peter Pietka dahhal id-droga hawn Malta mill-Olanda filwaqt li Kevin Grima mar b'sebat'elef ewro (€7,000) jigbor din id-droga. Di piu', jirrizulta li Paul Peter Pietka kien anke akkuzat b'akkuzi ohra fosthom dik rigwardanti l-pussess tal-Cannabis. Din il-Qorti izda temfasizza li l-fatt li jirrizulta li l-partecipazzjoni ta' Paul Peter Pietka kien sostanzjament akbar minn dak tal-hati Kevin Grima ma jnaqqas xejn mill-gravita' tar-reat li kkometta l-hati Kevin Grima u dan stante li kull forma ta' involviment hija holqa krucjali fil-katina illecita' ta' bejgh jew traffikar ta' droga u li ghalhekk Kevin Grima ghandu jwiegeb ghal dak li kkommetta hu u l-piena ghandha tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Din il-Qorti wara li qieset il-kunsiderazzjonijiet kollha maghmulha mill-partijiet u l-atti processwali, sejra tikkundanna lill-hati ghal hames (5) snin prigunerija effettiva kif ukoll ghal hlas ta' multa ta' tnax-il elf ewro (€12,000) flimkien ma ordnijiet ohra li sejra taghmel.

Ghalhekk, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll intern ta' Medicini Perikoluzi (Avviz Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati u kif jinsabu fil-legislazzjoni sussidjarja 101.02 kif ukoll l-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati ghal **hames (5) snin prigunerija** u ghal hlas ta' multa ta' tnax-il elf ewro (€12,000).

---

[11] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

Tordna wkoll il-hlas tal-ispejjez tal-esperti inkorsi f'dan il-process skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien hmistax (15)- il jum minn meta r-Registratur jikkomputa l-ammont dovut u jikommunikah lill-hati Kevin Grima sabiex ihallashom, u f'kaz li ma jithallsux fi zmien hmistax (15)-il jum minn dik in-notifika, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir- reat inkluz is-sebat'elef ewro (€7000) li l-akkuzat ghadda lil Paul Peter Pietka u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data li din is-sentenza tigi reza finali, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur